

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2022 – Kaufdas.online vs EUIPO – Kaufland
(KAUFDAS ONLINE)**

(Kawża T-488/22)

(2022/C 359/117)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Kaufdas.online sp. z o.o. (Gubin, il-Polonja) (rappreżentant: P. Kurcman, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kaufland Dienstleistung GmbH & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "KAUFDAS ONLINE" – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 18 113 140

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 1972/2021-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-28 ta' Settembru 2021 fil-Każ Nru B 106 146 fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi kollha li għalihom qiegħi milqugħha l-oppożizzjoni;
- tibgħat lura l-kawża quddiem l-EUIPO sabiex ibiddel id-deċiżjoni fuq il-mertu u jirregista t-trade mark tal-Unjoni Nru 18 113 140 għall-prodotti u għas-servizzi kollha kkonċernati, bla ħsara għal dawk li ma humiex ikkонтestati;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2022 – Cathay Pacific Airways vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-489/22)

(2022/C 359/118)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Cathay Pacific Airways Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: M. Rees u E. Estellon, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- skont l-Artikoli 268 u 340 TFUE, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea (irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea) tħallas:
- kumpens finanzjarju li jikkorrispondi għall-interessi moratorji fuq is-somma ta' EUR 10 080 000 bir-rata tal-interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tagħha ta' finanzjament mill-ġdid fl-1 ta' Marzu 2017 (jiġifieri 0,0 punt perċentwali), miżjud b'rata ta' 3,5 punti perċentwali fis-sena, għall-perijodu bejn il-21 ta' Ġunju 2017 u l-14 ta' Lulju 2022 li jirriżulta f'ammont ta' EUR 1 758 488,24 jew, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata tal-interessi jew fl-ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq; u
- interessi komposti fuq l-ammont ta' interressi moratorji taħt is-subparagrafu preċedenti għall-perijodu bejn il-15 ta' Lulju 2022 (jew, fin-nuqqas ta' dan, mid-data li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xierqa) u d-data tal-ħlas attwali mill-Kummissjoni Ewropea tal-ammont mitlub f'dak is-subparagrafu preċedenti bir-rata tal-interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tagħha ta' finanzjament mill-ġdid, miżjud b'rata tal-interessi ta' 3,5 punti perċentwali fis-sena jew, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata tal-interessi jew fl-ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq;
- barra minn hekk jew sussidjarjament, skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2022) 5454770 tad-29 ta' Lulju 2022 u tordnalha tagħmel dan bl-istess ammonti mitluba fil-punt preċedenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas l-ispejjeż kollha tar-rikorrenti fil-kawża preżenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mid-deċiżjoni kkontestata tal-Artikolu 266 TFUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mid-deċiżjoni kkontestata tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1268/2012 (¹) interpretat skont l-Artikolu 266 TFUE.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-bżonn ta' annullament tad-deċiżjoni kkontestata minħabba li ma hijiex suffiċċientement motivata.

(¹) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Lulju 2022 – CiviBank vs BĊE

(Kawża T-220/22) (¹)

(2022/C 359/119)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 237, 20.6.2022.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2022 – PQ vs SEAE

(Kawża T-358/22) (¹)

(2022/C 359/120)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 294, 1.8.2022.